## 14 ta' Jannar, 1955

Imħallfin :

Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.,
*A/President*;

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.;

Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt. LL.D.

Beltram Camilleri *versus* Paolo Pace ne*

### Libell — Verità tal-Fatti — Perit Ġudizzjarju — Transazzjoni — Korruzzjoni.

*F'kawża ta' libell, biex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti, il-konvenut għandu l-obbligu jipprova li l-materja diffamatorja, li minnha jilmenta l-attur, hija kollha vera sostanzjalment. Iżda mhux meħtieġ li ssir il-prova ta' kull kelma kontenuta fil-materja libelluża; imma hu biżżejjed li tiġi pruvata l-attribuzzjoni prinċipali magħmula lill-kwerelant, ossija l-"main charge", jew il-"gist" tal-libell. Kliem li ma jżid u ma jnaqqas xejn lil dik l-imputazzjoni mhux punibbli, anki jekk ma jiġix pruvat.*

*Perit ġudizzjarju huwa uffiċjal tal-Qorti, li fl-espletazzjoni ta' l-inkarigu tiegħu għandu jiġi gwidat unikament mis-sens ta' dover, imparzjalità u ġustizzja; u ma fiha xejn jekk perit, "palam", bil-piena konjizzjoni tal-kontendenti kollha, jipproponilhom transazzjoni fl-interess rispettiv u bla ebda kumpens għalih ħlief dak li tagħtih il-Qorti għall-inkarigu lilu mogħti minnha stess. Imma*

---

* B'degriet tal-11 ta' Marzu, 1955 (pubblikat) ġiet miċħuda t-talba ta' l-attur għal-permess biex jappella minn din is-sentenza quddiem il-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina.

*l-aspett ġuridiku jitbiddel "toto caelo" meta dak il-perit, ad insaputa ta' parti waħda, b'inkariku tal-parti l-oħra, jippjega lil dik ta' l-ewwel għal transazzjoni biex jieħu parti mill-flus li l-parti li tkun segretament inkarigatu tottjeni bit-transazzjoni. Perit simili jkun qiegħed "jinxtara"; din hi korruzzjoni; u aġir simili ta' dak il-perit huwa aċċettazzjoni ta' "bribe".*

*Il-gravità tikber meta l-parti li tkun avvantaġġjat ruħha bit-transazzjoni tkun bi ħsiebha, anzi, iċċedi l-kawża, u meta l-perit ikun ħa konjizzjoni tal-provi kollha u jkun qiegħed biex ilesti r-rapport tiegħu.*

*Fil-każ preżenti, il-konvenut kien attribwixxa lill-attur illi, meta kien perit stralċjarju nominat mill-Qorti, kien aċċetta "bribe", u ġie ċensurat mill-Qorti għall-aġir tiegħu u ismu kien ġie kanċellat mill-ktieb tal-periti ġudizzjarji. Il-Qorti ta' l-Appell, kuntrarjament għal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, żammet illi l-konvenut kwerelat, ladarba wasal biex jipprova l-attribuzzjoni magħmula lill-attur fis-sustanza tagħha, kien ħieles mir-responsabbiltà, għalkemm me ppruvax ċerti dettalji li ma kienux iżidu xejn ma' dik l-imputazzjoni.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza tagħha tal-5 ta' Novembru, 1951, fejn hemm miġjuba (fol. 41) it-talba tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina tal-4 ta' Ottubru, 1954, li biha ddeċediet billi laqgħet it-talba ta' l-attur, illikwidat id-danni fis-somma ta' £25, ikkundannat lill-konvenut iħallas din is-somma hekk likwidata, u ordnat li l-ispejjeż kollha tal-kawża, barra dawk ġa deċiżi, iħallashom il-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi għall-lamenti tal-attur imsemmija fiċ-ċitazzjoni l-konvenut iddikjara illi, b'difiża tiegħu nnifsu, huwa ried jipprova l-verità ta' dak li ġie asserit fin-Nota tad-Direzzjoni msemmija wkoll fiċ-ċitazzjoni;

Illi, biex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-prova tal-verità tal-fatti, hu biżżejjed illi tiġi pruvata s-sustanza tal-imputazzjoni, u mhux meħtieġ illi jiġu pruvati dettalji li ma jżidu xejn mal-imputazzjoni; imma l-prova trid tkun sħiħa, u tali li tistabbilixxi l-verità tal-fatti b'mod deċiżiv (Vol. XXIX-I-839). Għalhekk irid jiġi eżaminat jekk il-konvenut ġiebx din

il-prova "sħiħa", talment li tistabbilixxi b'mod deċiżiv il-verità tal-fatti kif asseriti *fin-Nota* tad-Direzzjoni fuq imsemmija;

Illi b'din in-Nota tad-Direzzjoni l-konvenut iddikjara illi *hi "sostanzjalment eżatta"* d-*dikjarazzjoni mprovviżata* msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni. Din l-aħħar dikjarazzjoni, kif miġjub f'dan l-att, kienet tikkomprendi, fost fatti oħra, dawn li ġejjin, jiġifieri :— (1) Li l-attur kien ġie ċensurat quddiem il-Qorti, u ismu kien ġie kanċellat mill-ktieb tal-periti ġudizzjarji; (2) *li l-attur*, bħala stmatur nominat, kien aċċetta "bribe" ta' £500, tawh £200 akkont, għamel kawża għat-£300 l-oħra li kien fadallu jieħu u l-kawża tilifha, u l-parti l-oħra għamlitlu kawża u rebħitlu anki dawk il-£200 li kien diġà rċieva. Minn dawn il-fatti l-attur jilmenta, u jippretendi li mhumiex veri, *u huma ta'* dannu għar-riputazzjoni tiegħu dawk (a) li ismu ġie kanċellat mill-ktieb tal-periti ġudizzjarji, (b) li huwa qatt irċieva il-£200 fuq imsemmijin bħala parti minn "bribe", (c) li huwa qatt ġie azzjonat biex jirrestitwixxi l-istess £200;

*Illi*, għall-aħjar *tifsir tal-kawża*, mhux barra minn loku illi jingiebu fil-qosor il-fatti, riżultanti mill-provi fil-kawżi li ġew alligati ma' din tal-lum, li b'riferenza għalihom, kif *jidher*, ġiet magħmula d-*dikjarazzjoni mprovviżata* msemmija fiċ-ċitazzjoni;

Fl-20 ta' Ġunju, 1924, l-attur kien ġie nominat bħala perit kontabili mill-Qorti tal-Kummerċ, sedenti l-Illustrissimu Imħallef Dr. Alfredo Parnis, fil-kawżi numru 78, 167, u 83 *tal-1924, din tal-aħħar fl-ismijiet* "Neg. Giovanni Gatt vs. Neg. Antonio Ellul", li fiha s-sorti mitluba kienet £667.19.6d, jew somma verjuri. Din il-kawża kienet twalet fil-kors tagħha, magħmula per mezz ta' seduti, u mbagħad għaliex l-attur kien dam ħafna żmien, wara illi kien deher *li spiċċaw is-seduti*, biex jestendi u jippreżenta r-relazzjoni tiegħu. Għalhekk Gatt kien bħal speċi ta' xaba' jistenna aktar;

Meta l-attur kien għoddu wasal biex jippreżenta r-relazzjoni, kien hemm okkażjoni meta huwa ltaqa' ma' Gatt fl-uffiċċju *ta' ċertu Antonio* Grech, il-lum mejjet, li tiegħu

huwa, *bħala "accountant"*, kien iżomm il-kotba, u ġie l-kliem fuq dik il-kawża. Grech issuġġerixxa lil Gatt biex jittransiġi l-istess kawża ma' Ellul, u pproponielu biex għal dik it-transazzjoni jindaħal l-attur. Gatt aċċettu. Skond l-attur, dik il-proposta kienet illi huwa kellu jipperswadi lil Ellul iħallas xi ħaġa minn dak li dana kien talab, u illi minn dak li kien jirnexxilu jġiblu Gatt kellu jagħtih in-nofs. Minn naħa l-oħra, skond Gatt, dik il-proposta kienet fis-sens li *huwa kellu jagħti xi ħaġa* lill-attur, jekk dan kellu jwasslu, bħala intermedjarju, fi transazzjoni ma' Ellul. Għalhekk, ftehim bejn Gatt u l-attur *effettivament* sar; imma t-termini fuq il-kumpens tal-attur ma kienux ċari, għalkemm milli jidher, kif jingħad aktar 'il quddiem, dawk it-termini kienu fis-sens *kif qalhom* Gatt;

Fuq dak il-ftehim l-attur avviċina lil Ellul u lid-difensur tiegħu, li f'isem l-istess Ellul offra £400 lil Gatt; imma dana ma riedx jittransiġi l-kawża b'daqshekk. Saret offerta oħra ta' £500, li mill-ġdid ma ġietx aċċettata minn Gatt, li qal illi, biex *jittransiġi*, Ellul kien irid jagħtieh £600. Allura, fit-18 ta' Marzu, 1931, saret skrittura privata ta' transazzjoni bejn Gatt u Ellul, li biha dan obliga ruħu illi jħallas lil Gatt £600 a saldu tal-pretensjonijiet avanzati minn dana kontra tiegħu, u Gatt, meta jirċievi dik is-somma, kellu jċedi l-kawża; l-ispejjeż tal-kawża *kellhom jibqgħu* mingħajr taxxa. Il-kawża ġiet ċeduta fid-9 ta' April, 1931;

Dawk is-£600 Ellul kien ikkonsenjahom b'cheque lill-attur, li meta fil-21 ta' Marzu, 1931, l-għada tal-konsenja, tahom lil Gatt, filgħodu, dan ma taħ xejn minnhom, kif kellu jagħmel skond *il-ftehim pretiż* minnu. Meta ra hekk, minflok li talbu biex jagħtieh it-£300 bħala sehemu mis-£600 skond dak il-ftehim, kif pretiż minnu, l-attur talab lil Gatt jagħtih dik l-istess *somma ta' flus* b'self. Gatt aċċetta, u taħ cheque għal dik is-somma. Ftehim fuq imgħax u fuq iż-żmien għar-restituzzjoni *tas-somma* mislufa ma sarx;

Xi ġranet wara, l-attur awtorizza lil Gatt biex jiżbanka s-somma li dan kien iddepożita favur tiegħu biex jagħmel *tajjeb* għad-dritt u l-*ispejjeż* tiegħu bħala perit f'dik il-kawża, u l-attur lanqas fittex illi jieħu mingħand Gatt l-onorarju

tiegħu talli kien ħa konjizzjoni tal-kawża u għax-xogħol li kien laħaq għamel sakemm il-kawża ġiet ċeduta;

L-affarijiet imxew b'dan il-mod sas-sena 1936, meta Gatt għamel kawża lill-attur biex dana jħallsu s-somma ta' *£359.3.8, kwantu għal £300 b'restituzzjoni ta' dak is-self*, u kwantu għall-bqija bħala ingħax fuq dik is-somma sa dak inhar. L-attur eċċepixxi *illi Gatt qatt* ma kienx silfu flus, u dak li taħ kien tahulu skond il-ftehim fuq imsemmi kif pretiż minnu. Fid-29 ta' Frar, 1936, il-Qorti Ċivili Prim'Awla ddeċediet *il-kawża, u rriteniet* illi t-talba ta' Gatt għar-restituzzjoni tat-£300 bħala self kellha fundament tajjeb. Dik is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Ottubru, 1936;

Fil-pendenza tal-kawża quddiem din l-aħħar Qorti, u preċiżament *fis-7 ta' April* 1936, l-attur aġixxa kontra Gatt, u talab il-kundanna tiegħu għas-somma ta' £300 talli huwa kien irnexxielu jipperswadi lill-imsemmi Ellul iħallsu s-somma ta' £600 fuq imsemmija, skond ftehim li kien hemm bejniethom. Din il-kawża ġiet deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ *fl-14 ta' Jannar, 1937*, li rriteniet illi ma kienx irriżulta l-ftehim kif pretiż mill-attur, u għalhekk irrespinġiet it-talba tiegħu, bl-ispejjeż, wara illi kienet ikkwalifikat bħala wisq deplorevoli l-kondotta tal-attur bħala perit legali;

Illi f'din il-kawża ħadd mill-partijiet ma ġieb xi prova ulterjuri b'sostenn jew *kontra* l-fatti riżultanti mill-provi fil-kawżi fuq imsemmijin. Xehdu biss l-Onorabbli Imħallef Prof. Dr. Edgar Ganado u l-attur, li x-xhieda tagħhom serviet biss biex *tagħti xi skjarimenti* għall-fatti li ġa ssemmew. Għalhekk hu biss fuq dawk il-fatti hekk riżultati fil-kawżi l-oħra, li għalihom il-partijiet għamlu *riferenza*, li għandha tiġi deċiża din il-kawża. Minn dawn il-provi, fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ma wasalx biex isostni l-eċċezzjoni tiegħu tal-verità *tal-fatti rigward l-addebiti li ġa ssemmew*. U tabilħaqq:—

1. Dwar l-ewwel addebitu, hu veru illi l-attur ġie ċensurat mill-Qorti tal-Kummerċ *fil-kawża* minnu promossa kontra Gatt, għalkemm mhux minħabba l-ftehim li f'dik il-kawża huwa kien ippretenda illi sar, imma minħabba l-atteġġjament *u l-kondotta tiegħu, li* biha kien ipproċeda bejn Gatt

u Ellul waqt illi kien perit legali fil-kawża bejniethom; *imma l-konvenut bl-ebda mod ma pprova illi isem l-attur, minħabba* dik *iċ-ċensura*, jew għal xi raġuni oħra imputabili għalih, ġie kanċellat mill-lista tal-periti ġudizzjarji;

2. Dwar *it-tieni addebitu*, *mill-provi fuq imsemmija jirriżulta* b'mod soddisfaċenti illi t-£300 ġew mogħtija minn Gatt lill-attur b'titolu self, u mhux b'konsegwenza tal-ftehim *pretiż minn dan tal-aħħar; anzi jirriżulta illi qatt ma* kien hemm *dan* il-ftehim bejn Gatt u l-attur. Dina l-Qorti tagħmel tagħha r-raġunijiet miġjuba mill-Qorti tal-Kummerċ f'dik il-kawża, meta *eskludiet dan il-ftehim pretiż* mill-attur; u *żżid* ċirkustanzi oħra li, fil-fehma tagħha, ikomplu jsaħħu l-esklużjoni tal-istess ftehim. Ma jistax jingħad illi l-attur jirrikorra għall-espedjent *tas-self meta ra li* Gatt ma taħx il-kumpens pretiż mit-tieħem. L-ewwelnett, għaliex jirriżulta illi l-attur talab lil Gatt jisilfu £300 darbtejn qabel dak *inhar, meta effettivament, fuq talba oħra tiegħu,* silef *it-£300* lill-attur; l-ewwel darba meta huwa ħa lil Gatt l-offerta ta' Ellul għal £400, u darb'oħra meta ħadlu offerta oħra għal £500. Hekk xehed *l-istess Gatt fil-kawża promossa* kontra tiegħu mill-attur; u f'dana huwa korroborat minn Pietro Ducoutros. U mbagħad, jekk l-attur kellu jieħu bħala kumpens *in-nofs ta' dak li kellu jġib minn għand Ellul*, huwa ma setax kien jaf minn qabel kemm kien sejjer iġib; b'mod illi, kieku Gatt aċċetta l-£400, il-kumpens tiegħu kien jkun ta' £200, u *mhux ta' £300.* Lanqas ma jista' jingħad illi Gatt ried jaħrab mill-ftehim pretiż mill-attur; kieku kien hekk, Gatt ma kienx imur ikellem lil Pietro Ducoutros, wara illi l-attur kien *talbu l-ewwel darba* biex *jisilfu* t-£300, u jistaqsieħ jekk kienx jaf xi ħaġa dwar is-solvibilita' tal-attur għat-restituzzjoni ta' dik is-somma. Issa, ladarba *ma* jirriżultax illi bejn *l-attur u Gatt kien hemm* il-ftehim pretiż mill-attur, lanqas ma jista' jkun hemm il-"bribe" imsemmija fit-tieni addebitu; għaliex dik il-"bribe" tista' biss tkun konsegwenza *ta' dak* il-ftehim, *u* l-"*bribe*" tippresupponi l-persuna korrotta u dik li tikkorrompi, u, kif ingħad, Gatt żgur li ma kkorrompiex lill-attur, jew almenu illi ma kellux l-*intenzjoni* li jikkorrompieh. L-*attur* għamel xi ħaġa li fil-kwalità tiegħu ta'

perit legali ma setax jagħmel, jiġifieri dak in konnessjoni mal-ftehim kif imsemmi minn Gatt, imma għal dak li għamel relativament għal dan il-ftehim huwa ma rċieva ebda "bribe"; u l-addebitu magħmul bid-dikjarazzjoni mprovviżata, li l-konvenut ikkwalifika bħala sostanzjalment eżatta, ma jirriferixxix għall-għemil tal-attur in konnessjoni ma' dak il-ftehim kif imsemmi minn Gatt;

3. Dwar it-tielet addebitu, mill-istess provi msemmijin jirriżulta illi l-attur ġie azzjonat minn Gatt biex jirrestitwilu s-somma ta' £300, barra l-imgħax, li huwa kien effettivament silfu, u mhux li huwa kien ħa bħala "bribe", anzi, skond id-dikjarazzjoni mprovviżata, akkont ta' "bribe";

Illi ma hemmx bżonn jingħad, għaliex hu ferm evidenti, illi l-fatti allegati fid-dikjarazzjoni mprovviżata fuq imsemmija, li l-konvenut ikkwalifika bħala sostanzjalment eżatta, huma gravement inġurjużi għall-attur, u kwindi ta' dannu għar-riputazzjoni tiegħu. L-attur hu persuna li, kif ġie magħruf, taspira għall-uffiċċju publiku, u l-fatti fuq imsemmijin, attribwiti lilu f'dik id-dikjarazzjoni mprovviżata, jirrigwardaw il-kapaċità tiegħu għal dak l-uffiċċju. U kien appuntu għal din ir-raġuni li l-Qorti ammettiet l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti sollevata mill-konvenut, u mhux sempliċement għaliex l-attur ma opponiex dik it-talba tal-konvenut għal din il-prova. Il-konvenut għandu jirrispondi għall-istess fatti, li ma ġewx pruvati minnu bħala veri, minħabba n-nota editorjali magħmula minnu, fis-sens li f'dik in-nota huwa kkwalifika bħala sostanzjalment eżatta d-dikjarazzjoni mprovviżata fuq imsemmija kontenenti dawk il-fatti. Kieku l-konvenut sempliċement irriproduċa d-diskors kontenut f'dik id-dikjarazzjoni mprovviżata, huwa ma kienx ikun jista' jiġi azzjonat, billi d-diskorsi minn membri tal-Parlament huma assolutament privileġġjati, anki jekk ikunu jikkontjenu materja nġurjuża relativament għal xi persuna. Imma malli l-konvenut ikkommenta dak id-diskors, u ddikjara f'dik in-nota editorjali illi l-istess kien sostanzjalment eżatt, dak id-diskors sar qiesu tiegħu, u huwa għandu jirrispondi għalih;

Illi, kif inhu magħruf, meta l-konvenut ta' l-eċċezzjoni tal-fatti mingħajr ma rnexxielu jagħmel din il-prova, huwa

aggrava l-inġurja; u ta' dan ma *tistax* ma *tittieħedx* konsiderazzjoni għall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni imsemmijin fiċ-ċitazzjoni. Hu ukoll magħruf illi, biex tillikwida *s-somma* li tiġi fissata bħala riparazzjoni pekunjarja ta' inġurja, il-*Qorti tiegħu* konsiderazzjoni tal-gravità ta' l-inġurja biex tiddetermina l-*estensjoni tad-danni*; u fil-każ taħt konsiderazzjoni, l-inġurja diretta kontra l-attur hi gravi ħafna. Biżżejjed jingħad illi l-fatti riferiti fid-denunzja *mprovviżata* fuq imsemmija, li l-konvenut ikkwalifika bħala sostanzjalment eżatta, huma speċifiċi, u jimputaw lill-attur illi huwa ftiehem ma' Gatt fuq "bribe" fis-somma ta' £300; illi huwa rċieva mingħand Gatt, minn qabel, is-somma ta' £200, akkont ta' dak il-"bribe"; *illi huwa azzjona* lil Gatt biex jagħtieh il-bilanċ ta' £300 a saldu ta' dak il-"bribe", imma tilef il-kawża; u illi huwa kellu jagħti lura lil Gatt is-somma ta' £200 li kien irċieva akkont mingħandu meta ġie azzjonat għal daqshekk mingħandu — liema fatti mill-provi li għamel il-konvenut ma jirriżultawx. F'dawna ċ-ċirkustanzi jidher illi *s-somma għad-danni mitluba mill-attur għandha tiġi likwidata* f'dik ta' £25;

Rat, fol. 95, il-petizzjoni tal-konvenut Paolo Pace, li biha dan appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija ta' l-4 ta' Ottubru, 1954, u talab ir-revoka tagħha, u li jiġu konsegwentement miċħuda t-talbiet ta' l-*attur*; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fin-numru tal-ġurnal "Patria" tat-13 ta' Awissu, 1949, kien deher reżokont ta' dibattitu fl-Assemblea *Leġislativa*, u "inter alia" kien riportat diskors ta' l-Avukat Dr. Giuseppe Maria Camilleri, membru ta' dik l-Assemblea, li fil-parti rilevanti għal din il-kawża jgħid hekk:— "*Le, ma kienx membru* nazzjonalista, imma kien l-istess Onor. Ministru tal-Industrija, illi kien ġie iċċensurat quddiem il-*Qorti* u *ismu* ġie kkanċellat mill-kiteb tal-periti ġudizzjari!!! U dan ġara għaliex kien ġie nominat mill-Qorti bħala stralċjarju, u kien aċċetta £500 'bribe'. Kienu tawħ akkont ta' £200, u hu allura għamel kawża biex jieħu t-£300 li kien fadallu jieħu,

Pero' il-kawża tilifha; u terġa u tgħid, mbgħad il-parti l-oħra għamlitlu kawża u rebħietlu anki dawk il-£200 li kien diġà rċieva! *Jiddispjaċini li kelli ngħidhom dawn l-affarijiet......*";

Dan hu l-bran materjali għal dan il-każ. Immedjatament wara, u ħdejn l-aħħar kelma "*affarijiet*", il-konvenut, editur tal-gurnal, inserixxa n-numru wieħed fil-parentesi, b'riferenza għal nota in kalċe li tgħid hekk:— "(1) Middiskors stenografat jidher ċar li l-Onor. Dr. Camilleri għamel id-denunzja kontra l-Ministru ta' l-Industrija, Onor. Beltram Camilleri, għax kien ġie *provokat minn żewġ ministri*. Iddenunzja improvviżata tista' ma tkunx perfettament eżatta f'kull dettall, għax il-fatt ġara xi ħdax jew tnax il-sena ilu, imma hija sostanzjalment eżatta; u kieku l-Gvern kellu daqsxejn ta' dekor, kien imissu ilu li mpona d-dimissjoni tal-*Ministru Camilleri......*";

*Ma jistax ikun hemm dubju li bin-nota fuq riportata* l-konvenut assuma r-responsabilità ta' dak li qal Dr. Camilleri fl-Assemblea, daqs li *kieku ntqal mill-ewwel fil-gurnal*, apparti minn proċeduri parlamentari;

Kif jidher minn nota ta' l-eċċezzjonijiet fol. 8, il-konvenut, fil-waqt li assuma r-responsabilità tal-publikazzjoni li minnha jilmenta l-attur, iddikjara li jrid jipprova l-verità ta' dak li ntqal. Dan il-mezz *defensjonali* — "exceptio veritatis" — hu dak li fis-sistema ngliż jissejjaħ "plea of justification";

Hu spedjenti, għalhekk, li jiġi fissat x'inhu dak li għandu jiġi pruvat sabiex eċċezzjoni simili tirnexxi;

Il-Qorti *taħseb* li l-estensjoni tal-obligu li jassumi l-konvenut f'*kawża ta' libell b'eċċezzjoni simili hi ndikata* tajjeb bil-kliem tal-awturi Hickson and Carter Ruch, fit-trattat tagħhom reċenti (1953) "The Law of Libel and Slander", p. 108, fejn jgħidu hekk:—

"In order to succeed upon a plea of justification the onus lies upon the defendant to prove that the whole of the defamatory matter complained of was substantially true. In every action for defamation, the Court starts with the presumption that the words complained of are false, until the contrary is established. Any statement which alters the

*character of the main imputation* or adds to its *sting must* be justified. On the other hand, in order that the defence should be *successful, it is not* necessary that every 't' should be crossed and every 'i' should be dotted; it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified. The plea in the formal defence is :— 'The words complained of are true in substance and in fact'. As much must be justified as *meets the sting of the charge*, and if anything be contained in the charge which does not add to its sting, that *need not* be justified'';

Huwa utili wkoll, ''in subjecta materia'', il-kliem tal-Gatley, ''*On Libel and Slander*'', pag. 63, Ediz. reċenti tal-1953, fejn jgħid dan :— ''It is not necessary to prove the truth of every word of the libel. If the defendant proves that the main charge or gist of the libel is true, he need not justify statements or comments which do not add to the sting of the charge or introduce any matter by itself actionable'';

L-awturi fuq imsemmijin, Hickson and Carter Ruck, *wara li jiċċitaw żewġ kawżi tal-Qrati Ngliżi*, jgħidu hekk (paġ. 110) :— ''Both these cases illustrate the principle enunciated by Lord Shaw of Dumferline in a famous case — The plea of justification must not be considered in a meticulous sense. It *is that* the words were true in substance and in fact. There may be mistakes here and there in what has been said which would make no substantial difference to the quality of the alleged libel or of the justification pleaded to it'';

Hu, kwindi, *opportun li l-Qorti tara, in bażi għal dawn* il-prinċipji, x'inhi fil-fattispeċje l-''main charge'', *ossija l-''gist'' tal-libell*, vwoldiri, liema hija li ''sting'' li dwarha għandha ssir prova li tkopriha kollha;

*U hawn il-mument* li l-Qorti tikkommenta fuq il-pont li fforma l-materja ta' diskussjoni fid-dibattitu orali, ċjoe x'inhija l-portata, għall-finijiet tal-kontestazzjoni, tal-kliem li hemm fin-Nota tad-Direzzjoni tal-ġurnal, li bihom jingħad illi d-denunzja mprovviżata tista' ma tkunx *eżatta* f'kull dettall, imma hija sostanzjalment *eżatta*;

Il-Qorti hi ta' fehma li dawn il-kliem la *żiedu* u lanqas

naqqsu l-imputazzjoni. Ma żiedux, għax ma ġiebu ebda aggravju jew alterazzjoni tal-karattru tal-imputazzjoni. Imma lanqas naqqsu, għas-sempliċi raġuni li, kif jidher mill-prinċipji f'materja ta' libell fuq enunċjati, l-obligu tal-konvenut, taħt eċċezzjoni simili, hu li jipprova li l-"gist" tal-imputazzjoni hi sostanzjalment vera; u n-nota hi appuntu f'dan is-sens, li ċjoè l-imputazzjoni hi sostanzjalment eżatta;

L-ewwel indaġini li issa jeħtieġ li ssir hi, għalhekk, x'inhi l-"main charge", x'inhi l-"gist" tal-imputazzjoni li għar-rigward tagħha l-konvenut hu fid-dmir li jagħti prova tal-verità sħieħa;

Il-Qorti hi ta' fehma, wara qari attent tal-publikazzjoni inkriminata, illi l-"gist" tal-libell hi li l-attur, fil-waqt li kien inkarigat mill-Qorti bħala stralċjarju jew perit, aċċetta "bribe" f'somma rilevanti, u li minħabba dan l-aġir tiegħu hu ġie ċensurat mill-Qorti;

Il-vera "main charge" hi dik tal-korruzzjoni; biss, il-Qorti tikkunsidra kompriża fil-"gist" anki ċ-ċensura tal-Qorti, għar-raġuni li sejra tingħad il-quddiem;

Kif ingħad, il-"main charge" hi dik tal-korruzzjoni. Infatti, fil-publikazzjoni inkriminata jingħad l-ewwel dwar iċ-ċensura tal-Qorti, imma immedjatament hemm il-kliem "U dana ġara għaliex........", u tissemma l-imputazzjoni tal-korruzzjoni, b'mod li ċ-ċensura kienet l-effett tal-fatt tal-korruzzjoni, u b'mod li l-fatt tal-korruzzjoni hu l-fatt prinċipali, li mingħajru ma kienx ikun hemm iċ-ċensura;

Però, il-Qorti, fil-konsiderazzjoni tagħha tal-"gist" taċ-"charge", inkludiet anki l-fatt taċ-ċensura tal-Qorti; u nkludietha għaliex, fil-ħsieb tagħha, dik iċ-ċirkustanza taggrava li "sting", inkwantokkè tagħti lill-qarrej x'jifhem li dan ma kienx xi każ ħafif, imma kien ta' gravità tali li kien jimmerita ċ-ċensura tal-Qorti, u, kif ingħad fuq, minbarra l-"main charge" għandhom jiġu ġustifikati anki dawk li "statements" illi "add to the sting of the charge";

Fil-fehma tal-Qorti, li "statement" dwar il-kanċellament ta' isem l-attur mill-ktieb tal-periti ġudizzjarji ma jżidx fis-sustanza taċ-"charge", għax l-importanti hu l-fatt taċ-ċensura mill-Qorti; il-kanċellament ta' ismu hu l-effett

ta' dik iċ-ċensura. Hdejn il-fatt assorbenti u prinċipali taċ-ċensura mill-Qorti, il-kanċellament ta' isem l-attur isir sempliċi dettall u sempliċi konsegwenza ta' dik iċ-ċensura. Hekk, quddiem il-Qrati Ingliżi, kien hemm, "in pari materia", il-każ Edwards vs. Bell (1824) 1. Bing. 403, at page 409, li fih il-konvenuti, edituri ta' ġurnal, kienu kitbu illi dissidju serju kien inqala' bejn il-ministru reliġjuż Edwards u n-nies tal-parroċċa tiegħu minħabba xi insulti li hu kien ipproferixxa kontra sinjorina mill-pulptu, u li "the matter was to be taken up seriously". Ġie ritenut li kien sufficjenti illi l-konvenuti ppruvaw biss il-fatt tal-insulti mill-pulptu, u li ma kienx hemm ebda bżonn li jiġi pruvat minnhom il-fatt allegat tad-dissidju serju u li l-kwistjoni kienet sejra tiġi kunsidrata serjament, għax il-"gist" tal-libell kienet dik — "misconduct in the pulpit";

Hekk ukoll, fil-kawża Clarke vs. Taylor (1836), 3 Scott 95, il-konvenuti kienu imputaw lill-attur li dan kien konness "with a great swindling concern", u semmew negozji li kienu saru f'Manchester. Imbagħad semmew ukoll li Clarke kien mar Leeds, fejn għamel ukoll "considerable purchases", u komplew jgħidu :— "It is hoped, however, that the detection of his plans in Manchester will be learnt in time to prevent any serious business losses from taking place". Il-Qorti rriteniet li kien biżżejjed li l-konvenuti ppruvaw il-fatti frawdolenti f'Manchester, u mhux ukoll f'Leeds, għax il-"gist" taċ-"charge" kienet l-imputazzjoni tas-"swindling". Hekk ukoll, fil-każ in ispeċje, il-"gist" taċ-"charge" hija l-korruzzjoni, u l-korruzzjoni ta' gravità tali li mmeritat iċ-ċensura tal-Qorti. Il-kanċellament ta' isem l-attur mill-ktieb tal-periti ma hux element taċ-"charge", ta' korruzzjoni, għax iċ-ċirkustanza tal-kanċellament ma tagħmelx differenza fil-kwalità tal-libell, darba li jiġi pruvat li l-attur aċċetta "bribe" u li l-għemil tiegħu ġie ċensurat mill-Qorti. Il-kanċellament, għalhekk, "in no way alters the complexion of the affair, and would have no different effect on the reader than that which the literal truth would produce" (Alexander vs. N.E. Railway Co., 34 L.J., Q.B., 152) ;

Verament hu hekk ; għax meta l-qarrej jifhem li qiegħed

jiġi mputat lill-attur li, bħala perit ġudizzjarju, ħa "bribe", u li ġie mħabba f'hekk ċensurat mill-Qorti, ikun fehem li "sting" kollha tal-libell, bla ma tagħmel ebda differenza filqarrej iċ-ċirkustanza tal-kanċellament, li għalih hi sempliċement mod ta' eżekuzzjoni taċ-ċensura tal-Qorti. Jekk kienx "dak" il-mod ta' eżekuzzjoni, jew kienx "ieħor", lillqarrej ma jinteressahx; dak li jinteressah hi l-imputazzjoni ta' korruzzjoni, u ta' korruzzjoni ta' xorta tali li ġibdet iċ-ċensura tal-Qorti. Biex wieħed juża l-kliem taċ-Chief Justice Lord Denman, in Cooper vs. Lawson, 8 A. & E, at page 753, iċ-ċirkustanza tal-kanċellament in relazzjoni mal-fatt taċċensura hija "the mere shadow of the previous imputation";

Kwantu għall-korruzzjoni, hu intuwitiv li ma hemmx bżonn li tiġi pruvata l-korruzzjoni fis-sens strett tal-Kodiċi Kriminali. Hu risaput illi l-"yard-stick", f'kawżi ta' libell, hu dak li jifhem bil-publikazzjoni "a reasonable man", u hu ċar li l-qarrej ordinarju, bil-kliem tal-publikazzjoni inkriminata f'din il-kawża — "aċċetta £500 'bribe'" — jifhem dak li komunement jiġi espress bil-kelma korrenti "inxtara", bla ma dan il-qarrej joqgħod jaħseb u jara jekk fil-fatt addebitat lill-attur jirrikorrux l-estremi tar-reat kif kontemplat fil-Kodiċi Kriminali;

Għalhekk il-Qorti taħseb li għall-finijiet ta' l-imputazzjoni ta' korruzzjoni jkun biżżejjed li jiġi pruvat li l-attur aċċetta flus, jew kumpens ieħor, bħala movent ta' azzjoni minnu kompjuta fil-funzjoni tiegħu ta' stralċjarju jew perit, mentri dak il-movent kien imissu kien biss l-imparzjalità u s-sens tad-dover, bla ma hemm ebda bżonn li wieħed jara jekk l-azzjoni tiegħu tikkonfigurax ruħha firrekwiżiti tar-reat kontemplat mill-Liġijiet Kriminali;

Stabbilit, għalhekk, x'għandu jipprova l-konvenut biex jirnexxi fl-eċċezzjoni minnu sollevata, il-Qorti tgħaddi biex tara jekk din il-prova saretx;

Qabel ma tagħmel din l-indaġini, ikun opportun, f'dan l-istadju tal-parti konsiderativa ta' din is-sentenza, li jiġu riepilogati l-antefatti tal-proċess, li għalihom saret riferenza. Li kienu dawn:—

Fit-13 ta' Frar, 1924, ċertu Giovanni Gatt kien għamel

kawża kontra Antonio *Ellul u oħrajn*, bħala soċi ta' ditta, għall-ħlas ta' £667 u rotti. B'digriet tagħha ta' l-20 ta' Gunju, 1924, il-Qorti nnominat perit biex jirrelata dwar id-domanda. *L-aħħar seduta*, fost id-diversi li saru quddiem l-attur bħala perit, saret fl-20 ta' Mejju, 1929. Fis-6 ta' April, 1931, l-attur talab li *l-kawża, li* kienet ġiet rinvijata "sine die", tiġi rimessa fil-lista, biex tkun ċeduta għax transatta; u fil-fatt, fid-9 ta' April, 1931, ġiet ċeduta quddiem il-Qorti *tal-Kummerċ*;

Fid-9 ta' Marzu, 1935, l-istess Giovanni Gatt għamel kawża quddiem il-Qorti tal-Kummerċ *kontra* l-attur odjern, u talab il-kundanna ta' dan għall-ħlas ta' £359. 3. 8, ċjoè £300 restituzzjoni ta' self lilu mogħti b'cheque, u l-bqija imgħax. L-attur odjern *eċċepixxa, fil-meritu*, li l-attur ma kienx silfu flus, imma kien taħ dak li jisthoqqlu skond il-ftehim. B'sentenza tagħha tad-29 ta' Frar, 1936, il-*Qorti* (ċjoè l-Prim'Awla, stante *li* kien ġie sollevat, b'deċiżjoni favorevoli, l-inċident ta' l-inkompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ, laqgħet it-talba, bl-ispejjeż (salva *xi diminuzzjoni* ta' l-imgħax). Il-Qorti ta' l-Appell, b'sentenza tas-16 ta' Ottubru, 1936, ikkonfermat is-sentenza appellata;

Fis-7 ta' April, 1936, waqt li kienet għadha miexja fl-appell il-kawża fuq imsemmija, l-attur odjern għamel kawża lil Gatt quddiem *il-Qorti tal-Kummerċ*, u, wara li ppremetta li l-konvenut Gatt kien obliga ruħu li jirrikompensa lill-attur b'nefs is-somma li kien jirnexxilu jipprokuralu fit-transazzjoni *tal-kawża* "Giovanni Gatt vs. Negoziante Antonio Ellul", u illi l-attur ipperswada lil Antonio Ellul iħallas lill-konvenut £600, u *illi l-konvenut ma* riedx jirrikonoxxi l-obligu fuq imsemmi, talab il-kundanna tal-konvenut Gatt għall-ħlas tas-somma ta' £300, lilu dovuta *għar-raġunijiet fuq* imsemmija. *B'sentenza* tagħha ta' l-14 *ta'* Jannar, 1937, il-Qorti tal-Kummerċ irrespinġiet id-domanda ta' l-attur, bl-ispejjeż;

Premessa din l-espożizzjoni tal-proċessi preċedenti, il-Qorti tgħaddi biex tara jekk il-konvenut laħaqx *il-prova tal-verità tal-fatti*;

Milli jidher, il-Qorti ta' l-Ewwel Grad, meta ġiet biex

tikkunsidra l-"exceptio veritatis", ħarset lejn il-kwistjoni mill-istess punto di vista tal-kawżi fuq imsemmija, mentri l-aspett ġuridiku hu totalment divers. Fil-kawża "Gatt vs. Camilleri", il-ġudikanti, kemm ta' l-ewwel kif ukoll tat-tieni istanza, ikkunsidraw il-kwistjoni, kif, del resto, kellhom jikkunsidrawlha f'kawża ta' kanonizzazzjoni, mill-punto di vista li fil-fatt kien sar self, li l-flus kienu ġew mogħtija b'dak it-titolu, u n-negozju ġuridiku dak kien. L-Ewwel Qorti, intant, fil-kawża li qegħedha tiġi msemmija (ara paġ. 61 ta' dak il-proċess), kienet qalet "salvo li l-inħarrek iressaq kawża oħra, skond u kif trid il-liġi, sabiex ifittex id-drittijiet tiegħu". U hekk għamel l-attur odjern biċ-ċitazzjoni "Camilleri vs. Gatt", Kummerċ, introdotta qabel ma nqata' l-appell fil-kawża l-oħra. u indi deċiża fl-14 ta' Jannar, 1937. Anki f'din il-kawża ta' l-attur kontra Gatt il-ġudikant inklina li jaċċetta l-versjoni ta' Gatt minħabba li t-£300 ittieħdu bħala "self", u fid-dubju, kif qal espressament il-ġudikant, hu llibera lid-debitur;

Iżda, f'din il-kawża ta' libell, l-aspett ġuridiku hu għal kollox differenti. U d-differenza tista' tiġi riżaltata fl-aħjar mod b'din ir-riflessjoni: jekk l-attur stess, mhux biss ammetta, imma sostna u ddeduċa bħala bażi ta' l-eċċezzjoni tiegħu fil-kawża "Camilleri vs. Gatt", dawk l-istess fatti li jiffurmaw il-bażi ta' l-imputazzjoni ħilu magħmula fil-pubblikazzjoni odjerna inkriminata, kif jista' l-lum l-attur jiġi 'l quddiem biex jieħu sodisfazzjon mit-tribunal ta' imputazzjoni li hu diġà kien għamel lilu nnifsu? Kif jista' jikkontesta li l-konvenut laħaq il-prova tal-verità ta' dak stess li huwa ammetta, u li hu stess qiegħed a bażi ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu u ta' l-azzjoni tiegħu sussegwenti? Fl-ispjegazzjoni tal-"plea of justification", il-Gatley (loc. ċit. p. 158) jgħid:— "The truth of the imputation is an answer to the action not because it negatives malice, but because the plaintiff has no right to a character free from that imputation ......" u hekk hawn, il-prova tal-verità hi fornita mill-attur stess, li għalhekk ma għandux dritt jilmenta li r-riputazzjoni tiegħu ġiet

taċċjata b'imputazzjoni li hu stess ta lilu nnifsu, u li hu mhux biss ammetta, imma sostna in ġudizzju l-verità tagħha;

Ma hemm l-ebda dubju li l-attur ammetta u sostna l-verità tal-fatti li l-konvenut odjern iqiegħed għab-bażi ta' l-imputazzjoni ta' korruzzjoni. Infatti :—

Fid-dikjarazzjoni *spjegativa* tal-eċċezzjonijiet tiegħu fil-proċess "Gatt vs. Camilleri", l-attur innarra l-fatti b'dan il-mod :— "Il-konvenut kien perit espert fil-kawża "Gatt vs. Ellul". Wara diversi sedutі, u meta x-xogħol tal-konvenut kien lest u kien jonqos biss li hu jikkopja r-rapport, l-attur qallu *li kien sejjer jċedi* l-kawża. Il-konvenut kien allura impjegat *ma' Antonio Grech*, u darba l-attur ġie biex jkellem lil-istess Grech, u qallu li kien deċiż li jċedi l-kawża. Grech allura dar fuq il-konvenut u qallu :— 'Għaliex *ma tippruvax tirrangahom?* Ara x'tista' tottjeni mingħand Ellul, u minn dak li tottjeni Gatt jagħtik in-nofs.' Dar allura fuq Gatt, u, qallu :— 'X'jidhirlek?' u Gatt aċċetta. Wara diversi inkontri ma' Ellul u l-avukat tiegħu, il-konvenut irnexxielu jirranġa l-kawża biex Ellul *iħallas lill-attur is-somma* ta' £600. Qabel il-firma tal-iskrittura, waqt li l-konvenut kien qiegħed ma' Giuseppe Bianco fil-kuritur tal-Qrati Superjuri, l-attur resaq lejh u qal lill-konvenut biex iħallef fir-ranġament. Meta telaq, il-konvenut fehem lil Bianco li kien sejjer idaħħal is-somma ta' *£300 mit-transazzjoni*";

Dawn huma l-kliem stess tad-dikjarazzjoni tal-istess attur odjern, konvenut f'dik il-kawża, li hu kkonferma, in segwitu, fix-xhieda tiegħu fol. 26 ta' dak il-proċess, fejn l-attur odjern qal :— "Jien, biex nieħu f'idejja t-£300, għidt lill-attur jagħtihomli b'seff, *billi, skond id-dikjarazzjoni tiegħi*, huwa kien *ippromettieli li jagħtini nofs is-somma li ngiblu skond l-arranġament*";

Fil-kawża "Camilleri vs. Gatt", minbarra l-espost stess fiċ-ċitazzjoni, ġa fuq riportat, ingħad fid-dikjarazzjoni tal-attur ta' allura u odjern :— "*Il-konvenut* kien jinsab minn żmien twil f'kawża ma' Antonio Ellul u oħrajn, u kien għoddu tilef kwalunkwe speranza li jirkupra anki parti minn dak li kien ħareġ. L-attur allura ndaħal biex jirranġa l-kawża, u

ftiehem mal-konvenut li jiehu nofs dak kollu li jġiblu, bħala kumpens";

L-attur ipproduċa bħala xhud lil Giuseppe Bianco (fol. 57 ta' dak il-proċess) biex isostni l-assunt tiegħu; u dan qal:— "Wara dan id-diskors, il-konvenut (Gatt) allontana ruħu, u l-attur qalli li hemm kawża bejn il-konvenut u Ellul, u li hu, l-attur, ser iġiegħelhom jifthemu fis-sens li Ellul iħallas £600 lil Gatt, u jaqsmuhom Gatt u Camilleri. Dik il-ħabta l-kawża bejn Ellul u Gatt kienet għadha sejra, u l-attur kien qalli wkoll li fiha kien perit. Żmien wara, l-attur kien qalli li ħa £300 minn għand Gatt ta' sehmu";

L-istess attur, fol. 175 ta' dak il-proċess, qal hekk:— "Jien kont perit fil-kawża "Gatt vs. Ellul", li kienet qudddiem din il-Qorti. Jiena kont żammejt seduti fiha, u kont kważi wasalt għar-rapport. Fl-1930 Gatt kien qata' qalbu minn din il-kawża, u darba konna sibna ruħna fl-uffiċċju ta' Antonio Grech, il-lum mejjet, u smajt lil Gatt jgħid lil dana Grech li dik il-kawża kien sejjer iċċediha. Grech qabeż u qallu:— 'Qabel ma ċċediha, għaliex is-Sur Camilleri — riferendo għaliha — ma jarax jistax jirranġakhom, u milli jġiblek tagħtih nofsu?' Gatt irrisponda u qal:— 'Jipprova jara x'jista' jġib!' Jien allura aċċettajt ......";

Minn dan jirriżulta "ad esuberanza" li l-istess attur irrikonoxxa l-fatti li fuqhom hi bażata l-imputazzjoni ta' korruzzjoni. Ma jistax, għalhekk, raġjonevolment jingħad li ma saretx il-prova tal-verità ta' dawk il-fatti;

U dawk il-fatti, hekk provati, jiġġustifikaw il-"main charge", dik ċjoè, li l-attur aċċetta "bribe", l-imputazzjoni, vvoldiri, ta' korruzzjoni;

Infatti, perit huwa uffiċjal tal-Qorti (ara Kollez. Vol. XXXI-I-491), li fl-espletazzjoni tal-inkariku tiegħu għandu jiġi gwidat unikament minn sens ta' dover, imparzjalità u ġustizzja. Ma fiha xejn jekk perit, "palam", bil-pjena konjizzjoni tal-kontendenti kollha, jipproponilhom transazzjoni fl-interess rispettiv, u bla ebda kumpens għalih ħlief dak

li tagħtih il-Qorti għall-inkariku bla mogħti minnha sless; imma l-aspett jitbiddel "toto caelo" meta perit ġudizzjarju, ad insaputa ta' parti waħda, b'inkariku tal-parti l-oħra, jip-pjega lil dik ta' l-ewwel għal transazzjoni, biex hu jieħu parti mill-flus li l-parti li tkun segretament inkarikatu tottjeni bit-transazzjoni. Perit simili jkun qiegħed "jinxtara", u din hi korruzzjoni; din hi l-imputazzjoni ta' aċċettazzoni ta' "bribe" bħala perit. Il-gravità tikber meta l-parti li tkun avvantaġ-ġjata bit-transazzjoni tkun hi listebha, anzi, iċċedi l-kawża, u meta l-perit (bħal, f'dan il-każ, kif irriżulta minn dak li kkonferma l-istess attur, kif superjorment ingħad, u anki miż-żmien li ddekorra bejn l-aħħar seduta (1929) u ċ-ċessjoni tal-kawża "Gatt vs. Elluł" (1931) fuq rilevat), ikun ħa kon-jizzjoni tal-provi kollha u jkun qiegħed biex ilesti r-rapport. Il-kliem tal-perit f'ċirkostanzi simili jistgħu jinfluwenzawha, u jagħtuha x'taħseb dak li forsi ma jkunx, għad-dannu tagħ-ha;

Fil-publikazzjoni inkriminata hemm xi differenzi żgħar, li bl-ebda mod ma għandhom effett fuq il-prova tal-verità. Il-"bribe" intqal li kienet ta' £500, flok ta' £300. Dan ma jżidx fli-"sting" taċ-"charge", għax hi, l-istess, korruz-zjoni, u hu l-istess riprovevoli li perit jieħu £300 bħala "bribe" jew jieħu £500. Ingħad ukoll li l-attur kien ħa akkont ta' £200, u mbagħad fittex għall-bilanċ ta' £300, li tilef din il-kawża, u b'kawża oħra kellu jagħti lura l-akkont. Sostanzjalment id-differenza hi ta' dettall; għax veru li hu ħa £300, veru li Gatt rebaħlu l-kawża għar-restituzzjoni ta' dawk it-£300, u veru li l-attur tilef il-kawża għall-ħlas ta' £300. Hekk, fil-kawża "Alexander vs. N. E. Ry., fuq ċitata, il-konvenut kien ippublika avviż li kien fih li l-attur kien jivvjaġġja bla biljett, u kien ġie mmultat lira, bl-alternativa tal-priġunerija għal żmien tliet ġimgħat. Ġie ritenut li l-im-putazzjoni kienet ġiet pruvata l-istess, avvolja l-alternativa kienet mhux ta' tliet ġimgħat, iżda ta' erbatax-il ġurnata priġunerija. Hekk ukoll, fil-kawża Morrison vs. Harmer, 3, Bing. N.C. 759, 767, fejn il-konvenuti kienu biegħu pilloli li bihom kienu "killed people", u li bihom ikkaġunaw

"wholesale poisining", ġie ritenut biżżejjed il-prova li kienu mietū b'dawk il-pilloli tnejn minn nies biss, għax il-"main charge" kienet sostnuta, ċjoè dik ta' negozju diżonest;

Kwantu għall-kumplament tal-"gist" ta' dan il-libell, li din il-Qorti qegħedet fil-fatt taċ-ċensura mill-Qorti, is-sottomissjoni ta' l-attur li l-kliem tal-Qorti tal-Kummerċ kienu sempliċi twissija għall-periti in ġenerali, hu insostenibili; mhux biss di fronti għall-kontenut tax-xhieda ta' l-Illustrissimu Imħallef Professur Edgar Ganado, fol. 54 ta' dan il-proċess, imma di fronti għal dak li hemm fis-sentenza ta' l-istess Imħallef, fis-sentenza stess fuq riferita ta' l-14 ta' Jannar, 1937, fejn intqal hekk (is-sottolineat hu ta' din il-Qorti); "Kif kellha anki okkażjoni tirrimarka l-Qorti 'lill-attur' fit-trattazzjoni tal-kawża, illi l-kondotta 'tiegħu' bħala perit ġudizzjali kienet wisq deplorevoli ......";

U l-Imħallef fuq imsemmi kompla jispjega l-gravità ta' aġir simili;

Ma hemmx dubju li din kienet ċensura tal-kondotta ta' l-attur, magħmula mhux biss "in open Court", imma anki fil-korp ta' l-istess sentenza;

Għalhekk din il-Qorti hi ta' fehma illi l-konvenut laħaq il-prova tal-verità tal-fatti;

Ladarba l-verità tal-fatti attribwiti ġiet fis-sistanza tagħha pruvata, għalhekk il-konvenut hu ħieles mir-responsabbiltà;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-konvenut, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiċħad l-istanza; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur sokkombent.

---